# IL-Huttafa

Il-Magażin ta' Klabb Ħuttaf

Numru **33** Lulju Awwissu 1999

BirdLife MALTA
*L-Għaqda għall-Għasafar*

Ma' din il-ħarġa **stiker** **ġdid** għalikom!
p12

Lanqas nixxemmex ftit fil-wiċċ ma nista' bikom!?



p3

## Il-Leħji hawn!



p4



victor falzon

## Pankrazju

karta riċiklata

# editorjal

## Ħbieb Ħuttaf!





"Allura int il-wirdien tħallih? Id-dubbien tħallih? Il-grieden tħallihom?"

Kemm jistaqsuhieli din meta jisimgħuni ngħid li n-natura hija kollha importanti.

Ħeqq, forsi għalija l-wirdien mhux importanti. Imma staqsi Qanfud u ara x'jgħidlek!

Għalija dubbiena mhix importanti. Imma staqsi Bufula u ara x'tgħidlek! U forsi ġurdien mhux importanti għalija. Imma staqsi Ballottra u ara x' tgħidlek! Ħeqq, naħseb li kulħadd jaqbel li l-qanfud (jew xummiemu, kif ħafna daż-żmien jgħidulu), il-bufula u l-ballottra huma annimali sbieħ.



Biex niġi għat-tweġiba tal-mistoqsija tal-bidu, ngħid: Le, il-wirdien u d-dubbien u l-grieden nipprova ma nħallihomx jidħluli d-dar. U biex nagħmel dan ma noqgħodx inxerred il-velenu kullimkien u nimla l-arja bl-isprej. Xejn minn dan! Kull ma nagħmell huwa li nżomm f'moħħi li dawn l-annimali żewġ affarijiet iridu mid-dar tiegħi: ikel u kenn. Neħħilhom dawk it-tnejn, u x'jiġu jagħmlu mbagħad? Tħallix frak ta' l-ikel u ħmieġ, u d-dubbien ma jdumx idejqek. Tħallix toqob u ħofor fil-ħitan, jew irkejjen mudlama biċ-ċraret u bil-karti, u l-wirdien u l-grieden ma jkollhomx wisq fejn jistkennu. U bilħaqq, jiena biex jgħinuni għandi wkoll armata ta' commandos jgħixu wara l-inkwadri u l-għamara!: partita wiżgħat! Annimali ndaf u puntwali, li kif jidlam arahom ħerġin, u kull insett li jazzarda jillandja fuq ħajt... XTUMMM! Jixkumawh!




Victor

**Victor Falzon**
**Editur**

## X'għandna did-darba?


| | |
|---|---|
| **Editorjal** | **paġ 2** |
| **Aħbarijiet ta' Malta** | **paġ 3** |
| **X'għandna mid-Dinja?** | **paġ 4** |
| **Kompetizzjoni 33** | **paġ 4** |
| **Nittrumbjaw fuq...il-KANĠU** | **paġ 5** |
| **Ittri** | **paġ 6** |
| **Attività** | **paġ 7** |
| **Taf għaliex?** | **paġ 7** |
| **Gallerija** | **paġ 8** |
| **Mill-Album** | **paġ 9** |
| **Avviżi** | **paġ 9** |
| **Barrieri** | **paġ 10** |
| **Ħuttafa tas-Sena** | **paġ 11** |
| **Mistoqsija** | **paġ 11** |
| **Daħħal Membru** | **paġ 11** |
| **X'rat il-Kamera** | **paġ 12** |
| **Stiker Ġdid** | **paġ 12** |




**Artikla**
Anemone

## Ritratt ta' Quddiem

### Pankrazju

Sea Daffodil — *Pancratium maritimum*

Fejn tobsor li mir-ramel pur tista' tikber pjanta daqshekk eleganti. Weraq ħodor skuri, twal u mmblati qisu xi ħadd għamlilhom ir-rollers! U l-fjura! Kbira, bajda, tfuħ! Ta' l-għaġeb il-Pankrazju! Jekk tmorru tgħumu l-bajja t'Għajn Tuffieħa, għandkom mnejn tarawh. Imma ara jfettlilkom taqtgħu fjura!


**Working Group ta' Klabb Ħuttaf**
Jason Aloisio, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon, Victor Falzon, Chris Pulis.


Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt is-sittax. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, lejliet kraft u anke nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin Il-**Ħuttafa** kull xahrejn għall-membri, u nagħmlu ħendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet.
Sħubija fil-Klabb hija Lm1.50 fis-sena.


**Publikazzjoni BirdLife Malta**
**57/28 Triq Rigord Ta' Xbiex MSD 12**
**Tel 347646 Fax 343239 email blm@orbit.net.mt**
**web http://www.waldonet.net.mt/birdlife/**
Materjal mill-Ħuttafa jista' jiġi kkupjat dment li jissemma' isem il-magażin u tintbagħat kopja tal-materjal lil Klabb Ħuttaf fl-indirizz t'hawn fuq.
Stampat għand Poulton's Print Shop, Awwissu 1999

# Rawni wkoll!



## ...u prosit tal-programm!

Prosit tassew lill-PBS u lit-tim ta' għaddasa li ħolqu u ffilmjaw is-sensiela televiżiva Dinja Oħra. Dawn id-dokumentarji għallmuna kemm il-baħar ta' madwar Malta għadu sinjur.



Ma nafx KIF għadu sinjur il-baħar madwar Malta! Hawn nies għajnejhom ikbar minn żaqqhom, donnhom qed imutu bil-ġuħ. Per eżempju, f'wieħed mill-programmi ġabu post fejn qalu kemm huwa tajjeb biex tara s-siċċ. Xi gustuż li ra l-programm mar l-għada fil-post u ħarbat u qatel kemm felaħ siċċ! Sewwa jgħidu: Kultant aħjar ma tgħid XEJN!



Siċċa
Cuttlefish





# aħbarijiet

Fi triqthom lejn l-attività li kellna f'Ta' Ċenċ fis-17 Lulju, membri ta' Klabb Ħuttaf kienu qed jaqsmu bejn Malta u Għawdex. Ftit 'il barra mill-port ta' l-Imġarr uħud minnhom raw ħaġa f'wiċċ il-baħar. Għall-ewwel ħasbuha biċċa plastik, imma mbagħad rawha aħjar. Kienet Fekruna tal-Baħar, l-aħwa!! Probabbli l-Fekruna Komuni (*Caretta caretta* Loggerhead Turtle). Skantaw, u bir-raġun, għax mhux billi jisimha Fekruna Komuni...

Sa mitt sena ilu dan l-annimal kien ibejjet fir-Ramla l-Ħamra f'Għawdex. Imma dak iż-żmien spiċċa!

## SIMENT

**Fl-aħħar jidher li l-proġett diżastruż tas-Simenterija sab il-bieb magħluq! Prosit lil kull min ipprotesta.**







## DJARJU ASTRONOMIKU



**11 Awwissu 1999 - EKLISSI TAX-XEMX**
Il-qamar jgħaddi quddiem ix-xemx u jgħattiha għal ftit minuti. Għalhekk jidlam bi nhar! Minn Malta l-eklissi mhux se jidher totali, imma xi 70%. Ħa jsir f'xi ħin bejn 11.30am u nofsinhar.

**11-12 Awwissu (bil-lejl) 1999 - XITA TA' METEORS**
Id-dinja tgħaddi minn parti mill-ispazju li fiha ħafna ġebel u frak. Dawn iħokku ma' l-arja tagħna u jixegħlu huma u jinħarqu. B'hekk **naraw ħafna "shooting stars".**



**Minn Settembru 1998 sa Mejju 1999 (273 jum) f'Malta ħarġu 10,104 karozza ġdida! Dan ifisser 37 karozza ġdida fuq it-triq KULJUM! Miskina did-daqsxejn ta' art..!**

# Tal-Leħja jerġa' jtir...



L-akbar avultun ta' l-Ewropa huwa l-**Avultun tal-Leħja** (Bearded Vulture jew Lammergeier - *Gypaetus barbatus*). Jgħidulu hekk għax madwar munqaru għandu rix twil iswed qisu leħja. Dan l-għasfur għandu fetħa ta' ġwienaħ ta' xi 280ċm - enormi tassew!

Fl-Ewropa rari tarah illum, imma dari kien iktar komuni. Sa mitt sena ilu kien għadu jgħix fl-Alpi, imma n-nies ma ħamluhx u qerduh. L-aħħar wieħed sparawlu fl-1920, fl-Italja.

Imma **llum ħafna saru jħobbu l-annimali**, u qed jerġgħu jdaħħluhom f'postijiet fejn darba kienu jgħixu. Għalhekk f'Ġunju 1999, f'post fl-Alpi qrib Mont Blanc, wara studju u preparamenti, **inteiqu fil-beraħ żewġ Avultuni tal-Leħja**. Nittamaw li ma ndumux ma nerġgħu naraw lil Tal-Leħja qalb il-muntanji ta' l-Ewropa.

Planet Ark



Focus 7.98

## ...u tan-Nejbiet jerġa' jimxi?

Fil-Huttafa 32 ħabbarna li xjenzati qed jippruvaw joħlqu mill-ġdid it-Tasmanian Tiger wara li nqered mid-dinja.

Din l-idea tant qed tintgħoġob li qed isiru esperimenti serji, speċjalment minn żewġ xjenzati Ġappuniżi, biex **jirxuxtaw anke l-Mamut!** Il-Mamut (Mammoth) kien speċi ta' lljunfant sufi b'nejbiet enormi u mibrumin. Eluf ta' snin ilu kien jiddomina l-wesgħat kbar tas-Siberja u ta' l-Ewropa. Probabbli qerduh ukoll in-nies!

Aħna nawgurawlhom lix-xjenzati, imma naħseb aħjar l-ewwel naraw kif se nsalvaw l-iljunfanti li baqa'!

# Kompetizzjoni 33

*"Flash Norman"*

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| P | P | A | N | K | R | A | Z | J | U |
| M | G | J | J | A | G | L | U | G | Q |
| O | H | I | T | H | E | N | J | D | O |
| Q | O | T | S | W | F | M | O | E | L |
| Q | L | F | W | I | B | S | R | A | L |
| O | L | I | V | E | Ċ | I | D | I | O |
| L | I | L | D | L | K | R | N | U | F |
| D | E | A | R | A | P | P | A | K | Ċ |
| I | Q | T | U | Ċ | K | A | V | N | P |
| F | Ċ | T | A | L | L | I | S | J | S |

Sib l-għaxar fjuri moħbijin f'dit-taħbila ittri. Ibgħat il-lista ta' fjuri fuq karta lil
**BirdLife Malta**
**57/28 Triq Rigord**
**Ta' Xbiex MSD 12**
mhux wara l-31 ta' Awwissu.
Tinsewx isimkom u l-indirizz, u tqasqsux il-magażin.
Ir-rebbieħ jingħata **KTIEB DWAR L-GĦASAFAR**.

**3**



Ir-rebbieħ ta' KOMPETIZZJONI 32 huwa Antoine Borg Micallef minn Ħal Lija. Antoine jista' jmur jiġbor il-ktieb li rebaħ miċ-Ċentru BirdLife f'Ta' Xbiex, mit-Tnejn sal-Ġimgħa (9am-12.00). Importanti li jieħu miegħu t-tessera (il-membership card). It-tweġibiet kollhom ikunu Kuluvert tas-Salib, Fras-servjent, Ajkla Rjali, Ċirlewwa tal-Mustaċċi, Gallozz tat-Tikki u Pluviera Pastarda.


Raymond Galea

# Il-Kanġu ta' Filfla

**Immaġinaw Filfla tard filgħaxija. Jibda jaqa' d-dlam, l-uniku ħoss dak tal-baħar u kultant xi luzzu għaddej. Il-ġebel iniggeż u l-blat imżerżaq ma jħallikx timtedd komdu, u x'aktarx toqgħod tħares lejn l-istilel jew tiġġieled man-nemus. Imma hekk kif jibda dieħel il-lejl, tibda tisma' ħsejjes bħal żaqżiq irqiq u tara dellijiet jittajru fid-dlam u jistaħbew qalb il-blat. X'qed jiġri? Hemm il-Fatati fuq Filfla?**

Le, mhumiex fatati! Dawk id-dellijiet huma Kanġi ta' Filfla: għasafar tal-baħar li għalihom dil-gżira żgħira hija d-dar perfetta, 'il bogħod min-nies u l-istorbju. **Fuq Filfla jbejtu eluf ta' pari ta' Kanġu.**

Il-Kanġu huwa għasfur żgħir, ftit ikbar minn Għasfur tal-Bejt imma bi ġwienaħ itwal u b'saħħithom. Kuluru iswed b'tebgħa bajda fuq id-denb. Rixu huwa żejtni ħafna (biex jipproteġih mill-baħar) u saqajh huma mċaftrin bħal tal-papri, biex ikun jista' jgħum u jiġri wara l-ħut. **Il-Kanġu jiekol, jorqod u jgħix ħajtu kollha fuq il-baħar**, u jersaq lejn l-art fi żmien il-bejta biss.

Il-Kanġu jbid bajda waħda f'xaqq fond fil-blat. Meta l-fellus ifaqqas, il-ġenituri jħalluh waħdu bi nhar, u jiġu jitimgħuh bil-lejl. Il-fellus jiekol ħut mgħaffeġ li l-ġenituri jkunu qabdu mill-baħar. Matul l-istaġun tal-bejta (April sa Settembru) l-blat ta' Filfla jkollu riħa ta' żejt tal-ħuta: il-fdalijiet ta' l-ikel tal-Kanġu!



**Tafu għaliex bl-Ingliż jgħidulu Petrel?**
Kif taraw mit-tpinġija, il-Kanġu jħobb itir ezatt ma' wiċċ il-baħar b'saqajh imdendlin qisu qed jimxi fuq wiċċ l-ilma. Issa tiftakru s-silta mill-Vanġelu fejn San Pietru jinżel mid-dgħajsa u jimxi fuq il-baħar? Hekk hu: **Petrel** ġejja mill-kelma **Pietru**!

Malti: **Kanġu ta' Filfla**
Ingliż: **European Storm-petrel**
Xjentifiku: ***Hydrobates pelagicus***

Il-BirdLife ilha tistudja l-Kanġu aktar minn 30 sena u tgħallmet ħafna fuq il-Kanġu. Per eżempju ftit ilu tgħallimna li l-Kanġu jgħix mill-inqas 22 sena.

Sirna nafu wkoll li xi Kanġi minn Filfla ġieli jmorru fuq gżejjer oħrajn tal-Mediterran. Fl-1994 il-BirdLife sabet tmien Kanġi jbejtu ma' l-irdumijiet f'Ta' Ċenċ, Għawdex.


BirdLife Pictures

**Dak it-tubu fuq munqar il-Kanġu huwa mnieħru. Il-Kanġu, iċ-Ċiefa, il-Garnija u l-Albatru jgħidulhom *tubenoses*.**

**B'aktar studju u ħarsien, il-Kanġu jista' jkompli jħuf u jbejjet ma' l-irdumijiet tagħna f'dawk l-iljieli sħan sajfin.**

**Mark Falzon**

**Nota mill-Editur**
Filfla hija riserva naturali u ma tistax tinżel fuqha bla bżonn. Mark u studjużi oħrajn tal-BirdLife kull sena jingħataw permess speċjali biex iżuru Filfla biex jistudjaw il-Kanġu ta' Filfla u għasafar oħrajn.






## Kavallieri tal-Klabb!

Sur Editur,

Dan l-aħħar ġewwa l-iskola tagħna organizzajna esebizzjoni dwar l-affarijiet ta' madwarna. Jiena flimkien ma' xi wħud mill-ħbieb tiegħi ftehmna li nagħmlu stand ta' Klabb Ħuttaf.




Ħafna kienu dawn li interessaw ruħhom biex idaħħlu t-tfal tagħhom membri. Ħadna permess ukoll biex niġbru donazzjonijiet għall-istess Klabb.

Irnexxielna niġbru s-somma ta' **Lm5.70**, li qed nibgħatlek. Inselli għalik.

**Sara-Jane Cauchi**
Ħ'Attard

Għażiża Sara-Jane,

Grazzi ħafna ta' l-interess tiegħek, tax-xogħol li għamilt, ta' l-ideja li ġietek, tal-flus li ġbart u tal-membri li daħħalt! Mhux li kieku kull membru fil-Klabb jagħmel bħalek..! Kieku tajjeb!!!

Infakkar lill-membri li qed jaqraw dan, li attivitajiet bħal dawn l-aktar li jtellgħu punti fl-iskema l-Ħuttaf tas-Sena. Mela ħaffu. Baqgħalkom ħames xhur sa l-aħħar tas-sena.

L-Editur

## X'nixtieq, x'inħobb...

Għażiż Editur,

Jiena nixtieq nistaqsik jekk tistgħux tagħmlu xi attivitajiet Għawdex. Dan għax billi noqgħod Għawdex ftit inkun nista' nattendi għall-attivitajiet. Jien inħossni kburija li qiegħda fi Klabb Ħuttaf, għalkemm ma nattendix għal-laqgħat. Nixtieqkom tibagħtuli tagħrif dwar kif tibni bird table.

Bilħaqq, prosit tal-magażin. Inħobb naqrah, iżda l-aktar parti li nħobb naqra hi dik x'ħin tagħtu tagħrif dwar annimali li qatt ma rajna u anqas smajna bihom. Jiena nħobb nagħmel ukoll berdwoċing.

Nixtieq ukoll ngħidlek li meta kont staqsejtek kif tista' tara delfin int għidtli li jien u sejra Malta noqgħod attenta nħares lejn il-baħar. Iżda meta għamilt dan jien ma rajt ebda wieħed...

**Nadine Sciortino**
Victoria


Denfil Geddumu Qasir
(Bottlenose dolphin)

Biex tarani trid tkun b'xortik!

Għażiża Nadine,

Iva, mhux l-ewwel darba li jistaqsuhielna din ta' Għawdex. Aħna nippruvaw mill-aħjar li nistgħu - fil-fatt f'Lulju kellna l-lejl fuq l-irdum Ta' Ċenċ. Impossibli li jkollna ħafna attivitajiet. Imma nippruvaw inżidu.

Dwar il-bird table, it-tagħrif naħseb li wasallek!

Dwar id-denfil, jiena għedtlek fejn TISTA' tarah, mhux fejn ŻGUR li se tarah! Lili tgħidx kemm ilu jinkini d-denfil - donnu jkun jaf li qed infittxu, u joqgħod jistaħbili. Imma taqtax qalbek. Ibqa' żomm għajnejk miftuħin. Xi darba taqta' xewqtek!

L-Editur

## Irridhom bl-Ingliż!

Sur Editur,

L-ewwelnett prosit ħafna għall-magażin tagħna *Il-Ħuttafa* għax ikun interessanti u fih ħafna tagħrif.

Imma jekk jogħġbok nixtieq li fil-magażin insibu lista ta' għasafar kemm bil-Malti u kemm bl-Ingliż għax meta jkollna xi ħarġa insib diffikultà biex insib l-għasafar li nara fuq il-gajd.

Grazzi ħafna

**Marlon Borg**
Msida

Għażiż Marlon,

Owkej, fil-ħarġa li jmiss inġiblek lista kif qed titlobni. Sadattant, ara tixtrix il-ktieb **L-Għasafar** (ta' Joe Sultana u Charles Gauci). Fih issib żgur l-ismijiet kollha li għandek bżonn, u ħafna u ħafna tagħrif ieħor. Jekk iċċempel lill-BirdLife fuq 347646, nirranġaw biex nibagħtulek kopja.

U naturalment grazzi ħafna tal-kummenti sbieħ.

L-Editur



Pixxi San Pietru
(John Dory)

Iktbulna hawn!

BirdLife Malta
57/28 Triq Rigord
Ta' Xbiex MSD 12




L-itwal attività ta-Klabb! Tlett ijiem sħaħ flimkien f'esperjenza waħda twila tal-ġenn mimlija ħruġ, tajr u natura. Se nkunu lloġġjati xejn inqas mill-qalba tal-Buskett. It-tema tal-Kamp se tkun IT-TAJR TAL-PRIŻA... Xi trid iktar!!!

Data: **17,18 u 19 Settembru 1999**
Post: **YTC hostel, Buskett**
Prezz: **Lm9** (jinkludi kollox)
Etajiet: **Ħuttaf 12+**
Ibbukkjaw: **BirdLife Tel 347646 (am)**
Data ta' l-għeluq: **5 Settembru 1999**

Jekk għandkom l-Internet idħlu fil-websajt tal-BirdLife, morru fuq il-Links u iftħu l-BirdsOfPrey Camp għal aktar tagħrif, ritratti, programm sħiħ u skoss dettalji oħrajn!



**Aħsbu kmieni għax il-postijiet limitati.**
Nagħtu aktar dettalji (programm, mappa, ħinijiet, x'iġġibu eċċ) lil min jibbukkja.

# Taf għaliex..?

## Taf għaliex fis-sajf il-bebbux jitgeddes f'għenieqed maz-zkuk nixfin?



**Ħeqq, biex jaħrab mis-sħana ta' l-art!**

Il-bebbux jibża' ħafna mis-sħana u n-nixfa - biex jibqa' ħaj irid iżomm il-ġilda tiegħu dejjem niedja. Għalhekk fis-sajf jaħrab mill-blat jikwi billi jitla' ma' xi zokk. Hemm fuq għall-inqas forsi tilħqu żiffa riħ.

Barra minn hekk, fis-sajf il-bebbux jieqaf mill-ġiri, jeħel maz-zokk, jingħalaq fil-qoxra tiegħu u jeħodha *leave* sa ma tagħmel l-ewwel xita tal-ħarifa.

Kitba ta' Desirée Falzon



Taf għaliex..?

## Taf għaliex il-weraq tan-Nagħniegħ għandu riħa daqshekk qawwija?

**Biex ma jiklux il-mogħoż!**

Ir-riħa u t-togħma qawwija tal-weraq ta' pjanti bħan-Nagħniegħ, Sagħtar, Salvja, Klin, Ħabaq eċċ idejjaq il-palat ta' dawk l-annimali li jieklu l-pjanti, bħal mogħoż u ngħaġ. B'hekk il-pjanta żżomm il-weraq kollu u tibqa' ħajja u b'saħħitha - pjanti oħrajn inqas ixxurtjati jispiċċaw jinxfu u jmutu għax il-mogħoż jikollu l-weraq kollu.

Kos! Aħna ngħidu li l-mogħoż jiekol kollox, imbagħad ħaġa li l-mogħoż jitqażżeż minnha lilna tinżlilna għasel fuq xi kisra ħobż biż-żejt u t-tadam!


desirée falzon

# Gallerija

Leo Gatt (6)




Joanna Galea (8)




Zac Galea (8)




Xylon Bristow (10)




Stephania Calleja (8)




Patrick Spiteri (?)




Marcus Bonnici (11)




Nimrod Mifsud (12)




3

Tpinġix ikbar minn 10x10ċm, uża karta (mhux kartonċina) bajda u tpinġix bil-kulur. Ikteb isem l-annimali jew pjanta u ismek u l-età. Jekk timxi mar-regoli, it-tpinġija tiegħek għad tidher fil-magażin.



## L-iskola ta' Kemmuna!

Joseph Mangion, Ringer tal-BirdLife, qed jispjegalna dwar l-għasafar, il-passa u r-ringing, waqt ħarġa fuq Kemmuna (2 Mejju 1999) ta' Klabb Huttaf.
Ħdejh, il-kollega tiegħu Marie Louise, tassistih. Kulħadd jidher attent, kieku!

BirdLife Pictures

## flora madwarna

# Xewk ir-Ramel

Pjanta rari din, għax tikber fuq ir-ramel, u ramliet suret in-nies ma tantx għandna Malta! Tikber baxxa, b'weraq ċari jagħtu ftit fl-ikħal. Fis-sajf tagħmel bukketti fjuri żgħar bojod imdawrin bil-vjola qishom umbrelel.

Jekk taqbżu qabża sar-Ramla l-Ħamra t'Għawdex għandkom issibuha. U attenti: aħjar issibuha intom milli ssibkom hi. Għax jekk bi żball tkunu ħafjin u tirfsuha, jew tpoġġu bilqiegħda fuqha, ittiru! Tinsewx x'jisimha!!!



Sea Holly - *Eryngium maritimum*

desirée falzon

## *Skużawna!*



Niskużaw irwieħna ma' dawk il-membri u familji li bbukkjaw għad-Dawra m'Għawdex bid-dgħajsa li kellha ssir fil-11 ta' Lulju. Din l-attività kellna nħassruha għax ma laħħaqniex in-numru li ġejna mitlubin minn tal-lanċa. Ħasra, konna nieħdu pjaċir!

## Deħlin, deħlin, deħlin, deħlin!

Dawn huma l-membri li daħħlu membri ġodda bejn Marzu u Ġunju 1999.
In-numru ħdejn l-isem juri kemm daħħlu membri.

Therese Attard (1)
Cherlene Bonnici (1)
Darren Bonnici (1)
Graziella Bonnici (1)
Arthur Briffa (1)
Mark Busuttil (1)
Joel Cachia (1)
Marco Calleja (1)
André Camenzuli (1)
Gayle Caruana (1)
Matthew Cassar (1)
Mark A Chetcuti (1)
Dawn Costa (1)
Christian Debono (2)
Benjamin Deguara (1)
Joanne Ellul (1)
Robert Falzon (1)
Karl Farrugia (2)
Denise Galea (1)
Alison Gauci (6)
Alan Grech (1)
Charmaine Grima (2)
Jurgen Pavanello (1)
Niall Relton (1)
Matthew Scerri (1)
Gareth Schembri (4)
Stephanie Theuma (1)
Earl Vella (2)

Jiġifieri bejniethom dawn daħħlu 40 membru ġdid f'temp ta' 4 xhur.
TAJJEB! WAWW! PROSIT! TAL-ĠENNI! FAVOLUŻI! ecc!
Ftakru li għal kull membru ġdid tieħdu 5 punti fil-Huttafa tas-Sena.

# Barrieri



Elisabeth Conrad

**L-industrija tal-barrieri hija importanti fil-gżejjer Maltin, imma ġġib magħha diversi problemi. Dan għaliex il-gżejjer Maltin huma żgħar u l-impatt ta' kull barriera se jinħass sew. Wieħed espert iddeskriva l-problema bħala dik ta' "big holes in a small place".**

Il-barrieri jheddu l-ekoloġija. Xi barrieri fl-inħawi tal-Mosta ġa qerdu Wied Filep u miegħu speċi unika ta' orkida Maltija. L-użu ta' splussivi qiegħed ukoll jhedded l-istabbiltà tal-ġnub ta' Wied il-Għasel. Il-problema hija wkoll serja fin-Nofsinhar ta' Malta, fl-inħawi ta' Wied Babu u Wied Magħlaq, li fihom insibu **ħafna speċi importanti ta' pjanti**, inkluż il-fjura nazzjonali Widnet il-Baħar.



Mhijiex biss in-natura li qed tbati bil-barrieri, imma anke l-kultura. Max-xtut tan-Nofsinhar għandna **diversi tempji megalitiċi** importanti ħafna. Fost dawn hemm Ħaġar Qim u l-iMnajdra, li nbnew xi 5000 sena ilu! Hemm biża' li l-użu ta' splussivi fil-barrieri tal-viċin qed iriegħed lit-tempji - f'dawn l-aħħar snin mhux l-ewwel darba li ċeda xi ħaġar minn dawn it-tempji.

**M'hemmx soluzzjoni faċli għall-problema tal-barrieri. Il-ġebel minn x'imkien irid jiġi!**

Li jista' żgur isir huwa li għallinqas meta barriera tieqaf tintuża, is-sidien tal-barriera jiġu **mġegħlin jirranġaw il-ġerħa li jkunu għamlu**, b'mod li din tiġbed lejha n-natura.

B'daqsxejn ħsieb u ftit flus, il-ġnub tal-barrieri, speċjalment dawk tal-qawwi, jistgħu jsiru **rdumijiet artifiċjali** fejn faċli jbejjet il-Merill u anke l-iSpanjulett (kieku l-kaċċaturi jagħtuh iċ-ċans).

Il-qiegħ ta' xi barrieri tal-franka jżomm l-ilma - postijiet bħal dawn faċli jsiru **għadajjar artifiċjali** fejn jista' jbejjet anke l-Gallozz Iswed (kif nafu li jagħmel kultant). Oħrajn jistgħu jimtlew b'radam u skart tal-ġebel, flok jintrema f'xi miżbla, imbagħad fl-aħħar jinksew bil-ħamrija u jsiru **għelieqi** jew **ġonna** jew **parks**. B'hekk insolvu wkoll ftit mill-problema tal-muntanja tal-miżbla



Wasal iż-żmien li nsibu materjal ieħor għall-bini flok il-ġebel, materjal li jista' jsir mir-**riċiklaġġ ta' radam jew skart ieħor**, u li jkun b'saħħtu daqs il-ġebel, jew iktar. B'hekk jonqsu l-barrieri u tiċkien il-miżbla.



victor falzon

Djar għall-Gallozz Iswed?



victor falzon

Djar għall-Merill?

**Mistoqsija**
X'għandhom l-istess daż-żewġ annimali?



Tweġiba: Il-tnejn jissejħu Ċawla!

## Grazzi Ms Puli

Grazzi Ms **Mary Puli**, l-editriċi tal-gazzetta *Tagħna t-Tfal*. Kull xahar matul is-sena skolastika li għaddiet, Ms Puli ġabitilna fil-gazzetta tagħha artikli dwar annimali u pjanti Maltin, u riklam għall-Klabb Ħuttaf. Grazzi mill-ġdid.

## Il-Ħuttafa tas-Sena

Dawn huma l-ewwel ħmistax-il membru li qegħdin fit-tellieqa għall-Ħuttafa tas-Sena

| | |
|---|---|
| **Jurgen Pavanello** | **134** |
| **Sara-Jane Cauchi** | **100** |
| **Kenneth Cauchi** | **75** |
| **Marlon Borg** | **63** |
| **Clayton Borg** | **55** |
| **Dawn Costa** | **49** |
| **Alison Gauci** | **48** |
| **Christian Debono** (Fgura) | **46** |
| **Karl Farrugia** | **46** |
| **Alvin Borg** | **45** |
| **Denise Grima** | **35** |
| **Denise Kenely** | **35** |
| **Gareth Schembri** | **35** |
| **Mark Busuttil** | **34** |
| **Irving Parnis** | **33** |

# Daħħal MEMBRU fi Klabb Ħuttaf



## u lilek nibagħtulek...

- **Tliet pitazzi ta' l-għasafar u**
- **Stiker bil-kulur ta' għasfur**

**Ħajjar** ħbieb, aħwa u kuġini jidħlu fi Klabb Ħuttaf, **tihom** jimlew kopja ta' dil-formola, **imla** isfel id-dettalji tiegħek stess, u **ibgħathomlna**, flimkien mal-Lm1.50ċ tal-membru l-ġdid. Il-pitazzi u l-istiker jaslulek bil-posta f'temp ta' ftit ġranet. **Garanzija!**



**DETTALJI tal-MEMBRU l-ĠDID**

Isem u Kunjom ______________________

Indirizz ______________________

______________________

Postcode ______________________

Data tat-Twelid ______________________

Telefon ______________________






**DETTALJI TIEGĦEK STESS**

Isem u Kunjom ______________________

Indirizz ______________________

______________________

Postcode ______________________

Telefon ______________________

**TQATTAX IL-MAGAŻIN - ĦU FOTOKOPJA**

**Ibgħat kollox lil BirdLife Malta - 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12**
Tibgħatx flus bil-posta - l-aħjar ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta) jew Postal Order jew 25 bolla tas-6ċ

# ?FUNGI?





victor falzon

Skultura fil-ġebel magħmula minn tim ta' ħames esperti jisimhom **Riħ**, **Trab**, **Xita**, **Raxx** u **Żmien**! Min se jaqta' u jgħidilna fejn qiegħda?

## stiker • stiker • stiker • stiker




**Għalikom dan l-istiker ġdid ta' l-għaqda maħbuba tagħna BirdLife Malta, l-ikbar għaqda ambjentali ta' Malta.**
**Imma biex inkomplu nikbru u ngħallmu aktar dwar l-ambjent, hemm bżonn l-għajnuna tal-membri kollha.**
**Mela qisu li dan l-istiker twaħħluh x'imkien fejn jidher, ħalli bil-BirdLife isiru jafu dejjem iktar nies.**